MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2011

Numru 251/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Louis Portelli**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Louis Porteli ta' Sunset View, Triq Alwig Mzzi, Gharb Ghawdex, fejn gie akkuzat talli nhar is-Sibt 13.01.2007 fi Triq Gdida fi Triq Dun Alwigg Mizzi, Gharb, Ghawdex, minghajr hsieb li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Nazzareno Xuereb fil-pussess ta' hwejgu.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-17 ta' Mejju, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Louis Portelli hati tal-akkuza migjuba fil-

konfront tieghu u kkundannatu jhallas multa ta' €100 u wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnatlu jhallas is-somma ta' €2371.51 in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Louis Portelli minnu prezentat fit-30 ta' Mejju 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka ghal kollox is-sentenza appellata tas-17 ta' Mejju 2011 u wara li tisma' l-provi kollha u s-sottomissonijiet tad-difiza tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kif dedotti u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni b'dan li jekk il-Qorti tasal biex tikkonferma l-htija tal-imputat issottmetta li ma kienx hemm raguni gustifikata li l-ewwel Qorti tikkundanna lill-imputat biex ihallas l-ispejjez tal-perizja meta la kien hemm lok ta' dik il-perizja u l-imputat kien oppona ghaliha u l-konkluzjoni tar-rapport peritali wriet kemm huwa kellu ragun jopponi ghaliha.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

**5.** Il-fatti tal-kaz jistghu jigu riassunti kif gej:

Fit-13 ta' Jannar 2007 ghall-habta tas-7.30 am Nazzareno Xuereb mar biex jghaddi minn passag li jinsab kantuniera ma' Triq Dun Alwig Mizzi, Gharb, Ghawdex biex jidhol gol-ghalqa tieghu. Huwa sab il-passagg ostakolat minn Van bin-numru ABI772 proprjeta' tal-imputat Louis Portelli. Portelli stqarr li kien veru li kien ipparkja l-Van f'nofs il-passagg izda sostna li kien ghamel hekk ghaliex Xuereb ried jghaddi bil-gaffa minn fuq art prorprjeta' ta' Portelli biex jidhol u jharbat triq li kienet giet iffurmata u kien ghalhekk li kien halla l-vann fin-nofs. Huwa stqarr ukoll li qabel l-incident Xuereb kien jghaddi mill-passagg imsemmi u dan bil-mohriet tal-mutur u li ghalkemm ma kellux dritt jghaddi huwa xorta dejjem hallieh jghaddi. Kien meta Xuereb ried jghaddi bil-gaffa li Portelli ma halliehx. L-imputat sostna li il-passagg kien wiehed privat u kien proprjeta' tieghu u Nazzareno Xuereb ma kellu ebda dritt jaghmel uzu minnu. Kull ma seta jikkonkludi l-perit tekniku wara l-hafna accessi, ritratti u pjanti esibiti kien li aktarx

parti mit-trejqa ezistenti tinsab fuq art tal-kwerelanti Xuereb u li qabel, peress li t-trejqa kienet usa, l-parti uzurpata kienet ikbar.

**6.** L-aggravji tal-appellant essenjalment jikkonsistu fis-segwenti:

1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-fatti u tal-provi

2) li huwa ma kellux jigi kundannat ihallas l-ispejjez tal-perizja meta ma kienx hemm lok ghaliha u huwa kien oppona ghaliha u r-rapport tal-perit tekniku wera kemm huwa kellu ragun jopponi ghall-hatra tal-perit.

**7.** In kwantu ghall-**<u>ewwel aggravju</u>** din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti sakemm ma jirrizultax li dan kien wiehed tant manifestament zbaljat li jekk ma jigix disturbat ikun hemm ir-riskju li ssir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. Fil-verita' dan hu kaz li thalla jikkomplika ruhu inutilment ghaliex beda dwar il-fatt semplici li l-imputat allegatament ostakola lil Nazzareno Xuereb milli jaccedi ghal hwejgu minn passagg li kien soltu jaghmel uzu minnu u spicca fi kwazi azzjoni civili ta' rivendika u sabiex jigu stabbiliti l-konfini tal-proprjeta' tal-imputat u ta' Nazzareno Xuereb b'hafna accessi, pjanti, skizzijiet, u ritratti li l-utilita' taghhom kienet ftit li xejn u bl-ezercizju li ghamel il-perit tekniku nominat ma jservi kwazi ghal xejn sabiex jillumina lill-Qorti dwar l-imputazzjoni.

**8.** Ir-rizultanzi mill-provi gew tajjeb riassunti fis-sentenza appellata u cioe' li Nazzareno Xuereb kien jghaddi regolarment mill-passagg in kwistjoni, sahansitra anki bl-ingenji, sabiex jaccedi ghall-art tieghu. Kien hemm zmien meta jirrizulta li kien intefa xi terrapien fl-ghalqa tieghu u ghalhekk permezz ta' gaffa pprova jaccedi ghall-istess ghalqa tieghu mill-istess passagg sabiex inehhi t-terrapien li kien intefa fl-ghalqa. Jidher li l-imputat fehem li Xuereb ried jidhol bil-gaffa sabiex ikisser l-art li kienet giet ifformata u dan bi hsara ghalih u ghalhekk huwa ddecieda

li jimblokka l-passag u ma jhallix lil Xuereb jaccedi ghall-ghalqa tieghu. Hekk gara. Dawn kienu, fis-semplicita’ taghhom, il-fatti li wasslu ghall-imputazzjonijiet kontra l-imputat qabel ma l-kawza giet ghal kollox spostata fuq binarji differenti. L-imputat jallega li Xuereb ried jghaddi mill-passagg sabiex ikisser it-triq li kienet giet formata izda din l-allegazzjoni qatt ma giet pruvata minnu anqas fuq livell ta’ probabilita’. Dak li, izda, gie pruvat bla dubbju dettat mir-raguni hu li l-imputat, peress li ppretenda li l-passagg kien tieghu u ghaliex beza li Xuereb kien ser iwaqqa t-triq, deherlu li kellu jwaqqaf lil Xuereb milli jaccedi ghal hwejgu mill-passagg li l-istess Xuereb kien ghamel uzu minnu precedentement. Tenut kont ta’ dan l-istat tal-provi din il-Qorti ma ssibx raguni sufficjenti sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament li ghamlet tal-provi. Dan l-aggravju ghalhekk qieghed jigi respint.

**9.** In kwantu ghat-**<u>tieni aggravju</u>**, izda, din il-Qorti hi tal-fehema li l-appellant ghandu, ghalkemm mhux ghal kollox, sostanzjalment ragun fis-sens li l-ispiza piuttost ingenti li giet inkorsa meta l-perit tekniku thalla fil-liberta’ kollha jiddetermina l-andament tal-perizja u jintilef f’accessi, pjanti u ritratti u f’indagni komplessa li ma kienetx necessarja tenut kont tal-imputazzjoni u l-fattispeci tal-kaz ma kienetx ghal kollox ragonevoli u gustifikata. Din il-Qorti ghalhekk tilqa’ in parte dan l-aggravju u konsegwentement ser tirriduci b’mod konsiderevoli l-ammont li l-appellant ghandu jhallas mill-ispejjez inkorsi ghall-perizja li giet ordnata.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ biss in parte l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha fejn ordnat lill-imputat appellant ihallas s-somma ta’ €2371.51 in konnessjoni mal-ispejjez peritali u minflok tordna lill-imputat ihallas minn dik l-ispiza s-somma ta’ €900, u tikkonfermha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------